MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Numru 894/2005

**HSBC Home Loans (Malta) Ltd**

**vs**

**Martin u Mandy konjugi Delia**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici ppremettiet illi:

1. Fid-9 ta` Gunju, 2005, id-dar inkluza l-arja taghha numru tnax (12) u bl-isem *"Casa Delia"* fi Triq Maria Addolorata Paola giet liberata a favur tas-socjeta` attrici bil-prezz ta` ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) u dana kif jirrizulta mill-anness dokument A;

2. Dan il-fond kien jappartjeni lill-konvenuti Martin u Mandy konjugi Delia;

3. Sa minn dakinhar il-proprjeta` in kwistjoni kienet u baqghet okkupata u detenuta mill-konvenuti abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

4. Is-socjeta` attrici qeda ukoll isofri danni minhabba dina l-okkupazzjoni illegali da parti tal-konvenuti u dana konsistenti fit-telf ta` kera tal-fond in kwistjoni li gie ikkalkulat mill-Perit Karm Farrugia fl-ammont ta` elfejn u tmien mitt lira (Lm2,800) – Dok *"B"* – fis-sena u ghalhekk ghal perjodu bejn l-10 ta` Gunju, 2005 sad-9 ta` Settembru, 2005 is-socjeta` attrici diga` sofriet danni fl-ammont ta` seba` mitt lira Maltija(Lm700);

5. Il-konvenuti interpellati kemm sabiex jizgumbraw mill-fond in kwistjoni kif ukoll biex ihallsu d-danni imsemmija baqghu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw u jiddetjenu l-fond numru 12 maghruf bhala Casa Delia fi Triq Maria Addolorata Paola abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Tordna, ghalhekk, l-izgumbrament tal-konvenuti mill-istess fond u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilhom minn dina l-Onorabbli Qorti;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` attrici qeghda isofri danni minhabba l-agir tal-konvenuti konsistenti fit-telf tal-kera fl-ammont ta` elfejn u tmien mitt Lira Maltija (Lm2,800) fis-sena u li sal-lum diga` tilfu l-ammont ta` seba` mitt lira Maltija (Lm700) dovuta lilhom kif fuq imsemmi;

4. Tordna, ghalhekk, lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta` seba` mitt lira Maltija (Lm700) flimkien ma` dak l-ammont l-iehor ulterjuri

dovut lilhom kalkolabbli bir-rata fuq imsemmija mill-10 ta` Settembru, 2005 sad-data tal-izgumbrament effettiv u dana in via ta` danni kif fuq inghad, jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti jekk ikun il-kaz ukoll in vija ta` danni, naturalment ukoll sad-data tal-izgumbrament relattiv.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu imharrkin ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta` eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta` attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni, b`dan li, ghal fini tat-tieni talba, tiffissa terminu ta` 30 (tlettin) jum mil-lum li fih il-konvenuti ghandhom jizgumbraw mill-fond in kwistjoni, u ghal fini tar-raba` talba, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm2,800 (elfejn u tmien mitt liri Maltin), bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv, rapprezentanti danni ghall-okkupazzjoni sal-10 ta` Gunju, 2006, b`rizerva ghad-danni ulterjuri sad-data tal-izgumbrament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------